# LEZZJONI BIBBLIKA

**L-EWWEL AQRA DAN L-EPISDOJU BIL-MOD U WARA GHADDI BIEX TAHDEM L-EZERCIZZJI LI JSEGWU**

## IT-TIEG GEWWA KANA TAL-GALILEA.



[Ġw:2:1] Mbagħad fit-tielet jum sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm.[Ġw:2:2] Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu.[Ġw:2:3] Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid."[Ġw:2:4] U Ġesù qalilha: "X'hemm bejni u bejnek, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx."[Ġw:2:5] Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."[Ġw:2:6] Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, mqiegħda hemm għar-rit tal-purifikazzjoni tal-Lhud, kull waħda minnhom tasa' xi mitt jew mija u għoxrin litru.[Ġw:2:7] Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma." U dawk imlewhom sax-xifer.[Ġw:2:8] Mbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newwluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda." U huma marru jagħtuhulu.[Ġw:2:9] Hu daq l-ilma mibdul fi nbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus[Ġw:2:10] u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-

tajjeb erfajtu sa issa."[Ġw:2:11] Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

## ZOMM F'MOHHOK U QALBEK

MARIJA SSMA, OMM GESU' U OMMNA GHANDHA WISQ SETGHA FUQ QALB BINHA. TITOLBU U HU MA JIRRUFTAX IX-XEWQAT TAGHHA. KUN DEVOT TAGHHA, ITLOBHA L-KTAR IS-SALVAZZJONI TAR-RUH TIEGHEK.

### GHID LIEMA MINN DAWN IS-SENTENZI HUMA VERI JEW FOLOZ

1. U kien hemm tieg fil-Kana tal-Galilea u omm Gesu' kienet mistiedna

2. Issa Gesu' biss kien mistieden ghat-tieg.

3. U meta spiccalhom l-inbid omm Gesu' qaltu: " Ma ghandhomx inbid."

4. Dan ma kienx l-ewwel miraklu ta' Gesu' Kien hemm ohrajn qablu.

### AQTA' L-KELMA HAZINA

5. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus / gharusa[Ġw:2:10]

6. Issa kien hemm zewg / sitt ġarar tal-ħaġar, mqiegħda hemm għar-rit tal-purifikazzjoni tal-Lhud, kull waħda minnhom tasa' xi mitt jew mija u għoxrin litru.[Ġw:2:7]

7. Billi ma kienx hafna nbid / iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid."[Ġw:2:4]

IPPRINTJA L-ISTAMPA U AGHTIHA L-KULUR.

